**Tribunal Industrijali**

**Deċiżjoni Nru : 2749**

**Każ Nru : 3364/ET**

**Fil-Kwistjoni tax-xogħol**

**bejn**

**Marcus Klaushofer**

**u**

**Malta International Airport plc**

*Illum: 22 ta' Lulju 2021*

*dwar : tkeċċija mill-impjieg allegata li hi nġusta*

***Chairman*: Is-Sur Edmund Tabone M.A., B.A.(Hons), Dip. Mgt**

Introduzzjoni u dikjarazzjonijiet tal-każ:

Dan il-każ ġie ntavolat permezz ta' rikors mill-avukati Dr.Cedric Mifsud fis-6 ta' Mejju 2015 f'isem ir-rikorrent li ddikjara kif ġej.

Illi permezz ta' kuntratt datat 25 ta' Jannar 2012 ir-rikorrent ġie ingaġġat mis-socjeta' ntimata fil-kariga ta' Chief Executive Officer għal perjodu definit ta'tlett (3) snin li beda fl-1 ta' Jannar 2012. Ir-rikkorrent kellu bħala salarju annwali 'gross' is-somma ta' mija sebgħa u erbgħin elf, mija u seba' ewro u tminja u

għoxrin ċenteżmu (€147,107.28) u dan flimkien ma' performance bonus li ma setgħax jeċċedi ħamsin fil-mija (50%) tas-salalrju annwali. Illi permezz ta' ftehim datat 22 ta' Mejju 2014, ġie emendat il-kuntratt msemmi b' dawn il-varjazzjonijiet:

- il-kundizzjonijiet il-ġodda jkunu effettivi mill-1 ta' Lulju, 2012
- il-perjodu definit jiġi estiż għal sitt u sittin (66) xahar u dan b'effett mil-1 ta' Lulju 2012 sat-30 ta' Ġunju 2017 u li s-salarju annwali '*gross*' żdied għal mija ħamsa u sebgħin elf, disa' mija u seba' ewro (€175,907) li jiżdied biż-żidiet statutorji kull l-1 ta' Jannar, ta' l-għoli tal-ħajja

Illi permezz ta' ittra datata 21 ta' Jannar 2015, l-impjieg tar-rikorrent kien unilateralment terminat mis-Socjeta' ntimata mingħajr ebda raġuni valida.

Illi wara rċieva wkoll abbozz ta' ftehim li jinkludi proposta ta' ħlas bil-patt u l-kundizzjoni li huwa jwaqqa kull talba ta' kumpens fil-konfront tas-socjeta' ntimata. Dan ir-rikorrent m'aċċettax u dan għaliex ma kienx jinkludi dak kollu li ħaqqu skond il-Ligi, partikolarment id-drittijiet tiegħu skond il-Ligi.

Illi wara r-rikorrent irrifjuta l-abbozz imressaq mis-socjeta' ntimata, l-istess socjeta' ntimata m'aċċettatx li tgħaddi xi forma ta' kumpens għat-terminazzjoni unilaterali ta' l-impjieg definit skont il-Ligi u dan bi skur partikolarment tal-Artiklu 36(II) tal-Ligi Industrijali.

Għaldaqstant ir-rikorrent qed jitlob li dan it-Tribunal:

- jiddikjara li t-terminazzjoni tal-impjieg definit kien mingħajr raġuni valida skond il-Ligi;
- li t-terminazzjoni saret mingħajr kumpens bi ksur tal-Ligi u tal-kuntratt tal-impjieg;
- u li tordna lis-socjeta' ntimata tħallas il-kumpens likwidat

Min naħa tagħha s-socjeta' ntimata , permezz ta' l-Avukat Dr. Louis Degabriele u Dr.Ron Galea Cavallazzi rrispondiet u ddikjarat kif ġej:

Illi l-impjieg tar-rikorrent ġie tterminat għal raġuni tajba u biżżejjed skont il-Ligi u l-kuntratt u li s-socjeta'' ntimata m'għandha l-ebda responsabilita' jew obbligu li tħallas xi forma ta'kumpens jew danni lir-rikorrent.

Is-socjeta' ntimata ma taqbilx mal-verżjoni tal-fatti tar-rikorrent partikolarment fuq dak li seħħ fil-21 ta' Jannar 2015.

Is-socjeta' ntimata kompliet tiddikjara li r-rikorrent ġie mpjegat fuq kuntratt definit fil-kariga ta' Chief Executive Officer. Il-kuntratt oriġinali kien b' terminu ta' tlett (3) snin, mill- 1 ta' Jannar 2012. Permezz ta' kuntratt ieħor, datat 22 ta' Mejju 2014, il-kuntratt ta' impjieg oriġinali ġie emendat billi, fost affarijiet oħra, it-terminu tal-impjieg ġie estiż sat-30 ta' Ġunju 2017.

Illi matul is-sena 2014 is-socjeta' ntimata beda jkollha suspetti li r-rikorrent kien qiegħed jagħddi nformazzjoni ta' natura kunfidenzjali rigward is-socjeta' ntimata lil terzi li kellhom interess fl-ishma tas-socjeta' ntimata. Dan wassal biex is-socjeta' ntimata segwiet bir-reqqa l-attivitajiet u l-komportamnet tar-rikorrent sakemm saret taf b' fatti, kif se jiġi spjegat mix-xhieda, li kkonfermaw is-suspetti li kellha s-socjeta' ntimata. Minħabba f' hekk is-socjeta' kkonfrontat lir-rikorrent.

Fil-21 ta' Jannar 2015 kien deċiż li ssir laqgħa tal-Bord tad-Diretturi ġo Vienna, l-Awstrija u s-socjeta' ntimata ddeċidiet li tikkonfronta lir-rikorrent dakinhar u ġiet imsejħa laqgħa miċ-Chairman mar-rikorrent siegħat qabel il-Bord. Waqt din il-laqgħa iċ-Chairman tal-Bord kkonfronta lir-rikorrent w urieh dokument preparat mill-avukati tas-socjeta' ntimata li jispjega l-obbligi relatati mal-kunfidenzjalita u l-konsegwenzi ta' ksur ta' dawn l-obbligi. Ir-rikorrent intalab jirrispondi iżda dan m' għamlux.

Il-kwistjoni telgħet quddiem il-Bord fejn ir-rikorrent ġie offrut il-possibilita li jirreżenja minn jeddu mil-kariga u l-impjieg u jevita umiljazzjoni. Ir-rikorrent ġie offrut ukoll pakkett ta' terminazzjoni li fiċ-ċirkostanzi kien ġeneruż ħafna u ferm għola minn dak dovut bil-Ligi anke jekk l-impjieg tiegħu kien setgħa jiġi tterminat għal raġuni tajba u biżżejjed skont il-Ligi. Ir-rikorrent ingħata l-abboz ta' dan il-ftehim. Ir-rikkorent irrifjuta l-offerta u telaq mil-laqgħa. Meta bdiet il-laqgħa propja tal-Bord tad-diretturi , li r-rikorrent kien preżenti għaliha, ic-Chairman tas-socjeta' ntimata nforma lid-diretturi li ma jokkupawx kariga eżekuttiva li kien

ser iressaq mozzjoni għat-tmexxija tar-rikorrent mil-kariga ta' CEO u tkeċċija mill-impjieg fuq il-bażi li jaqdi dmirijietu f'kariga.

Wara ċ-Chairman spjega s-sitwazzjoni lid-diretturi r-rikorrent ingħata kull opportunita li jindirizza lid-diretturi u jirribatti dak li kien intqal. Wara li r-rikorrent indirizza lid-diretturi, tressqet mozzjoni għat-tkeċċija tiegħu. Ir-riżoluzzjoni għaddiet b'vot unanimu tad-diretturi li kellhom dritt għal vot. Wara r-rikorrent ingħata l-ittra tat-tkeċċija. Illi wara s-socjeta' ntimata rċeviet ittra f'isem ir-rikorrent fejn saret allegazzjoni li r-rikorrent ġie mkeċċi nġustament u ġiet magħmula proposta għal kumpens li kien ferm għola minn dak li kien imissu r-rikorrent anka li kieku ma kienx hemm raġuni tajba u biżżejjed għat-tkeċċija tiegħu.

Is-socjeta' ntimata ma qablitx mal-kontenut ta' l-ittra tar-rikorrent u għarrfitu uffiċjalment b'ittra datata 10 ta' Marzu 2015 . Is-socjeta' ntimata kompliet tiddikjara skont hi, fuq ir-raġunijiet tajbin u biżżejjed li wasslu għat-tkeċċija.

Illi r-rikorrent, skont il-kuntratt, kellu dawn l-obbligi prinċipali:

- li jaqdi dmirijietu *'in a responsible manner and with due diligence '* u li *'shall act loyally and faithfully to the Company'*
- li jekk jonqos minn xi obbligi *'he shall immediately disclose the breach to the Board'*
- illi rigward kunfidenzjalita '*shall not use or disclose or attempt to use or disclose to any person any of the secrets or confidential information of the company'*
- it-tlett raġunijiet fi klawsola 14.2 tal-kuntratt li jikkostitwixxu raġuni tajba u biżżejjed
  *(a) any breach of provisions of this agreement*
  *(b) misconduct or wilfull neglect*
  *(c) criminal offence*

Dawn ir-raġunijiet ġew maqbula bejn iż-żewġ partijiet fil-kuntratt. Is-socjeta' kompliet tiddikjara li r-rikorrent aġixxa bi ksur ta' dak provdut fil-kuntratt rigward obbligi kif ukoll ta' l-artiklu 97 tal-Articles of Association tas-socjeta' ntimata.

Illi l-aġir tar-rikorrent seta' kellu mplikazzjonijiet sostanzjali negattivi fuq is-socjeta' u r-reputazzjoni tagħha bi ħsara potenzjali; ukoll għal azzjonisti tagħha.

Is-socjeta' ntimata hija *'listed Company'* bl-ishma tagħha jiġu mibjugħa u mixtrija pubblikament fuq il-Borża ta' Malta u l-impjegati tagħha li jkollhom aċċess għal ċertu nformazzjoni għandhom obbligi stretti ta' kunfidenzjalita u trasparenza bl-għan illi s-suq ma' jiġiex influwenzat minn informazzjoni mhux korretta u ma jkunx hemm xi persuna lii tiġi vantaġġjata permezz ta-tali informazzjoni dwar is-socjeta' u n-negozju tagħha.

Illi għal dawn ir-raġunijiet is-socjeta' ntimata fl-ewwel lok kellha raġuni tajba u biżżejjed biex tittermina l-impjieg tar-rikorrent fuq ksur ta' obbligi kuntrattwali u ftehim dwar dak li jikkostitwixxi raġuni tajba u biżżejjed. Minbarra dan, anke fl-assenza ta' qbil li sar permezz ta' artiklu 14.2 ġa msemmi , in-natura tan-nuqqasijiet tar-rikorrent u l-impatt li seta'kellhom fuq is-socjeta' , in-negozju tagħha u l-azzjonisti, kien tali li jirrendi mpossibli l-kontinwazzjoni tar-relazzjoni ta' mpjieg bejn il-partijiet.

Illi ukoll minħabba nuqqas ta'fiduċja lejn bniedem li jokkupa kariga ta' portata tant sostanzjali, huwa għal dawn ir-raġunijiet li s-socjeta' esponenti ma kellhom l-ebda għażla ħlief li tirrikorri għar-rimedju aħħari tat-terminazzjoni ta' l-impjieg.

Is-Socjeta' ntimata, ukoll bħala parti mid-dikjarazzjoni tagħha rreferiet għal-kumpens. Is-socjeta' kkwotat Artiklu 36 tal-Kap 452 tal-Ligi u tenniet li ma hemm ebda ħlas xi jsir lir-rikorrent. Is-socjeta' ,minkejja dan, ma taqbel xejn ma li talab ir-rikorrent kieku ma kienx hemm raġuni tajba u biżżejjed u dak li talab ir-rikorrent fl-ittra datata 3 ta' Marzu 2015 ma jsib l-ebda konfort fil-Ligi u għal darba oħra s-socjeta'' ntimata rreferit għal Artiklu 36 tal-Ligi Kap 452 li prinċipal, jekk iwaqqaf impjieg irid iħallas nofs il-paga li l-impjegat ikun baqgħalu jieħu sa tmiem il-kuntratt u li din il-paga tkun waħda bażika mingħajr allowances, bonuses, kummisjonijiet etc.

Is-socjeta' ntimata rreferit ukoll għal abbozz ta' ftehim propost minnha.

Illi r-rikorrent donnu alluda li dan l-abbozz huwa xi prova li s-socjeta'' ntimata trid tagħmel xi ħlasijiet.

Is-Socjeta' tenniet li l-abbozz ta' ftehim kien biss bħala għażla alternattiva biex ir-rikorrent jitlaq bil-kwiet mingħajr ma jkollhom jiġu dibattuti pubblikament l-azzjonijiet deplorevoli tiegħu fil-konfront tas-socjeta' ntimata. Ir-rikorrent ma qabilx u għaldaqstant il-każ qed jiġi pproċessat f'dan it-Tribunal. Iżda, kompliet is-socjeta', il-fatt li s-socjeta'' tat għażla lir-rikorrent dan qatt m'għandu jitqies

bħala xi forma ta'ammissjoni mis-socjeta' li kompliet tisħaq illi kellha raġunijiet tajba u biżżejjed biex tittermina l-impjieg tar-rikorrent skont il-Ligi.

Is-socjeta'' ntimata kkonkludiet id-dikjarazzjoni tagħha billi saħqet li t-terminazzjoni saret għal raġuni tajba u biżżejjed kemm fl-isfond ta' kuntratt kif spjegat kif ukoll skont il-Ligi.

Illi għal dawn ir-raġunijiet is-socjeta'' ntimata qed tirrifjuta li tagħti xi forma ta' kumpens lir-rikorrent għaliex l-ebda forma ta' kumpens ma hu dovut u qed titlob li dan it-Tribunal jiċħad it-talbiet tar-rikorrent.

<u>Provi</u>

F'dawn il-proċeduri xehdu diversi xhieda miġjuba miż-żewġ partijiet, kif ukoll ġew esebiti diversi dokumenti.

<u>Kunsiderazzjonijiet</u>

Dan it-Tribunal għandu biex jikkonsidra jekk it-tkeċċija tar-rikorrent fuq allegazzjonijiet ta' ksur serju ta' obbligi ta' kunfidenzjalita u l-konsegwenzi ta' ksur ta' dawn l-obbligi meta r-rikorrent kien jokkupa l-pożizzjoni ta' *Chief Executive* mas-socjeta'' ntimata.

It-Tribunal fela bir-reqqa x-xhieda kollha d-diversi dokumenti li ġew ippreżentati ukoll id-dikjarazzjonijiet tal-każ, is-sottomissjonijiet u trattazzjonijiet finali.

Il-kunsiderazzjonijiet prinċipali li dan it-Tribunal studja bir-reqqa bbażati fuq xhieda u dokumentazzjoni u li wasslu għal deċiżjoni kienu kif ġej.

Illi l-obbligi tar-rikorrent rigward kunfidenzjalita kienu ċari fil-kuntratt tal-impjieg tiegħu kif ukoll f' memos separati maqbula mar-rikorrent. Fuq dan, it-Tribunal fela dak kollu li kien hemm bżonn.

Illi l-MIA u VIE kellhom *policies* stabbilitili jissalvagwardjaw l-kunfidenzjalita fil-bejh ta' ishma. Persuni b'funzjonijiet eżekuttivi u l-Bord ta' l-MIA ma seta

jkollhom l-ebda informazzjoni fuq affarijiet li jistgħu joħolqu konflitt ta' nteress fuq bejh ta' ishma. Ir-rikorrent kien marbut ma dawn il-policies.

Illi għaldaqstant jekk il-Bord ta' l-MIA ma joħroġ adhoc *notification* pubblika segwita minn *'due diligence'* suppost l-affari tkun għadha kunfidenzjali kif spjegat. Dawn il-policies kienu ġew fis-seħħ fit-23 ta' Settembru 2013 wara kaz li ħarġet informazzjoni sensittiva li nvolviet SNC Lavalin rigward bejh ta' ishma lil MMLC. Illi allura offerta ta' bejh ta' ishma kienet trid tiġi ttrattata minn team ta' persuni indipendenti b'obbligazzjonijiet kunfidenzjali stretti u l-ebda membru tal-Bord ta' l-MIA ma jkun jista jiġi nvolut. Dawn normalment jissejħu *'Chinese Walls'* li r-rikorrent u l-kumplament tal-Bord kienu jafu bihom. Ir-rikorrent ukoll ħa anki parir mill-avukati ta' l-MIA fuq dan il-fatt.

Illi r-rikorrent talab lil Camilleri Preziosi Advocates nhar it-3 ta' Diċembru 2013 biex jispjegawlu bil-miktub eżatt fuq it-trattament ta' nformazzjoni kunfidenzjali fl-MIA. Dawn irrispondew b'memo dakinhar stess.

Fost l-obbligi li kienu enfazizzati f'din il-memo kien hemm li jaħdem biss fl-interess tal-kumpanija, ma jidħolx fl-ebda kunflitt ta'nteress fl' isfond ta' informazzjoni sigrieta anke lix- shareholder li jkun appuntah bħal per eżempju '*business plans'* jew *'forward looking information'* għax dan permess biss meta jkun hemm avviz pubbliku.

It-Tribunal fela bir-reqqa dawnl-obbligi prinċipali. Illi r-rikorrent kien impjegat mal-MIA u anki ma VIE u tmien (8) xhur qabel it-tkeċċija ingħata estenzjoni tal-kuntratt ta' l-impjieg u żieda fil-pakkett finanzjarju.

Illi c-Chairman tal-MIA Nikolaus Gretzmacher sar jaf bl-allegazzjonijiet fuq ir-rikorrent meta kellmu Julian Jager, COO u membru tal-Management Board tal-VIE, fit-8 ta' Jannar 2015 u anke bl-offerta ta' Antin Consortium. Ukoll lid-diskussjonijiet ma' Antin kienu sfaxxaw u ntemmu sa dak inhar. Jager allega li ħarġet informazzjoni kunfidenzjali relatata ma' l-MIA meta kienu għaddejin diskussjonijiet bejn VIE u Antin Consortium li kienu interessanti jixtru *shares* fl-MIA u illi kien hemm indikazzjonijiet b'saħħithom li r-rikorrent kellu kuntatt ma' Antin.

Illi Jager kien preżenti fid-diskussjonijiet ma' Antin u kienet stramba għalih li ma riedux jagħmlu due diligence u qalu li issa jkellmu lir-rikorrent li sa dak il-ħin dan suppost ma kien jaf b'xejn.

Illi c-Chairman wara din l-informazzjoni beda jinvestiga s-sitwazzjoni dwar ir-rikorrent.

Illi Alan Borg, illum CEO MIA, kien innota li r-rikorrent kien qed jitlob informazzjoni minn impjegati li jaqgħu taħt Alan Borg, mingħajr ma jinvolvieh. L-informazzjoni mitluba kienet l-iktar tirrigwardja '*traffic forecasts'* li normalment tingieb biss f' *meetings* strateġiċi tal-Bord.

Illi impjegati indikaw li r-rikorrent qabbadhom jibdlu figuri biex jagħtu xejra iktar pożittiva u jogħlew l-ishma. Dan seta sar ukoll wara li l-offerta ġiet miċħuda mill-VIE biex forsi ikun hemm offerta għola li ma seħħitx.

Illi Alan Borg qal li r-rikorrent qallu li qed jinnegozja għaxar (10) snin kuntratt b'salarju doppju ma x-xerrejja prospettivi. Dan jikkonfermawh żewġ xhieda oħra.

Illi Michael Bianchi li kien direttur fil-MIA irriżenja f'Ġunju 2014, sar parti mill-Antin Consortium u l-Antin Consertium irċieva l-offerta fil-ġurnata li Bianchi irriżenja. Illi ċ-Chairman jgħid li Alan Borg qallu li r-rikorrent u Bianchi kienu f'kuntatti viċini wara Ġunju 2014.

Illi Maurizio Bolana – *Authorized representative* ta' Antin ikkonferma li Michael Bianchi introduċa lir rikorrent ma Antin fl-2014. Bolana kellu wkoll rwol jekk ir-rikorrent kienx Kap Eżekuttiv idejali. Dan il-meeting ġie segwit b'meeting ieħor f'Awwissu 2014 ma' Alan Rauscher CEO Antin Infrastructure. It-tnejn m'għamlux ġudizzju posittiv fuq ir-rikorrent filwaqt li Bolana ikkonferma li b'mod sorpriż ir-rikorrent talab li jinnegozja il-kuntratt ġdid tiegħu għal għaxar (10) snin b'salarju doppju wara li Antin jixtru l-MIA.

Illi c-Chairman ta'l-MIA wara li skopra dan, tilef kull kunfidenzja u fiduċja fir-rikorrent u li l-imġieba tiegħu qatt ma setgħet tkun ġustifikata f'dan il-livell ta' pożizzjoni li kien jokkupa ir-rikorrent.

Illi fil-21 ta' Jannar 2014 Gretzmacher u Jager iffaċjaw lir-rikorrent u bdew jipproteġu l-aqwa interessi ta' l-MIA u possibilta ta' skandlu pubbliku għamlu l-offerta msemmija lir-rikorrent li ġiet irrifjutata mingħajr ġustifikazzjonijiet ta' importanza mir-rikorrent.

Illi saret laqgħa tal-Bord dakinhar stess fejn saret riżoluzzjoni u ġiet maqbula li kienet intilfet b'mod totali l-kunfidenza u l-fiduċja fir-rikorrent.

Illi c-Chairman xhed li r-rikorrent ġie mistoqsi għar reazzjoni iżda dan ma talabx għal sospensjoni jew iktar ħin biex iwieġeb jew jipprepara xi sottomossjonijiet biex jagħmel l-argumenti tiegħu u fl-ebda ħin ma ipprova jiġġustifika l-akkużi kontrih. Fl-istess ġurnata ħarġet l-ittra ta' terminazzjoni mill-impjieg.

Ħareġ ukoll mill-investigazzjoni tac-Chairman li r-rikorrent fil-2014 kien barra minn Malta 220 ġurnata fosthom Pariġi darbtejn bejn 15 u 18 ta' Diċembru 2014 u bejn 13 u 16 ta' Jannar 2015. Pariġi kien il-post fejn Antin Infrastructure kienet ibbażata.

Illi impjegati ta' l-MIA bagħtu informazzjoni lir-rikorrent qabel u matul iż-żmien li r-rikorrent kien Pariġi  rigward *business plan* ta' 10 snin, *annual investment volumes, long term economic development forcasts* ta' l-MIA u MIA business partners. Liema nformazzjoni ma kinitx pubblika u li kienet parti mill-*business secrets* ta' l-MIA.

Ir-rikorrent argumenta li l-proċess ta' tkeċċija kien 'faith accompli' u li l-VIE kienet involuta sew fit-tkeċċija li anki għamlet kawża fi Vienna kontra l-Antin Consortium u li l-mertu kien ir-rikorrent li ma dahhluhx fiha.

Illi l-investigazzjoni ta' Gretzmacher kienet imġiela minn Jager u li ma' hemmx provi biżżejjed u allegazzjonijiet biss.

Illi Gretzmacher naqas li ma nfurmax lil Bord fuq l-offerta tax-shares ta' Antin. Kien obbligu tiegħu.

Illi stramba li ġie offrut €400,000 biex jirreżenja meta suppost immina l-kumpanija.

Illi fuq *'breach of obligations'* u *'contractual obligations'* ma joħorġux provi ċari li r-rikorrent ħareġ informazzjoni kunfidenzjali.

Illi kif Michael Bianchi ma ġiex akkużat ukoll.

Illi kawża ġusta u suffiċjenti trid tkun gravi.

Illi r-rikorrent ikkonferma li tkellem ma Antin bit-telephone imma ma kienx ċert jekk iltaqax magħhom waħdu. Qal li seta kien hekk imma mhux ċert. Fl-avvidavit tiegħu r-rikorrent qal li Antin kellmuh fuq investiment prospettiv fl-MIA fl-2014. Kien Bolana li kellmu u saru diversi diskussjonijiet.

Illi lil Bolana qatt ma qallu b'xi sigriet tal-MIA.

Illi r-rikorrent ma ċaħadx li tkellem ma' Bolana fuq il-kundizzjonijiet tiegħu jekk Antin jixtrul-MIA.

Meta fil-kontro eżami ġie mistoqsi jekk Antin talbuhx jipprovdi dokumentazzjoni u nformazzjoni fuq l-MIA , ir-risposta ' *I can't remember*. *I don't know'*.Mistoqsi jekk kienx jaf jew iltaqa ma Alan Rauscher – CEO Antin Infrastructure, l-ewwel qal le, umbgħad qal forsi f'Awwissu 2014 fejn ukoll iddiskuta l-futur tiegħu u li jekk jiġi offrut kuntratt tajjeb jibqa.

Deċiżjoni

It-Tribunal analizza u wiżen ix-xiehda u d-dokumentazzjoni kollha tal-kas kif ukoll id-dikjarazzjonjijiet, is-sottomissjonijiet u t-trattazzjonijiet finali.

Il-pożizzjoni li kien jokkupa r-rikorrent kienet ta' Kap Eżekuttiv li dan it-Tribunal itijha importanza kbira u partikolari.

Il-Kap Eżekuttiv iġorr ir-responsabilita u r-reputazzjoni kollha tal-kumpanija. Hija l-ogħla kariga fl-operat tal-kumpanija.

U hawn qed nitkellmu fuq kumpanija strateġika għal pajjiżna b'konnesjonijiet diretti internazzjonali.

It-Tribunal għaraf il-ġustifikazzjonijiet konsistenti tas-socjeta' ntimata li waslet f'punt li tilfet b'mod totali l-kunfidenzja u l-fiduċja fir-rikorrent.

It-Tribunal innota li r-rikorrent kiser *policies* ta' kunfidenzjalita' li suppost hu stess jara li ma jinkisrux. Kien f'kuntatt dirett mal-Consortium li kien se jixtri l-MIA. Tant kien f'kuntatt, li beda jinnegozja kuntratt ġdid għalih, ta' għaxar (10) snin, b'salarju doppju. Dan ukoll meta l-istess rikorrent tenna li dan li ma kienx jaf li dan il-Consortium kien interessat li jakkwista l-MIA.

It-Tribunal jagħraf ukoll li r-rikorrent sostna li l-informazzjoni li ħareġ hija biss allegazzjoni, iżda it-Tribunal milli ħareġ mill-proċess, jinnota li kien hemm kuntatt mal-Consortium u li dan il-kuntatt kiser obbligi serji ħafna li kellu r-rikorrent kif spjegat.

Rigward l-offerta li saret lir-rikorrent u kif saret it-tkeċċija, t-Tribunal fl-ambitu tal-pożizzjoni li kien jokkupa r-rikorrent ma jara l-ebda nuqqas. Dan dejjem, u t-Tribunal jenfażżiza, fl-ambitu tal-pożizzjoni in-kwistjoni.

Fil-kontro-eżami r-rikorrent lagħab bil-kliem u t-Tribunal innota u kkonferma l-kuntatti allegati bi ksur serji ta' obbligi msemmija.

Għaldaqstant dan it-Tribunal qed jikkonkludi li l-aġir u l-imġieba tar-rikorrent kienet tmur kontra l-obbligi li kellu mal-kumpanija u l-pożizzjoni tiegħu poġġiet l-MIA f'riskju.

Il-pożizzjoni ta' Kap Eżekuttiv hija wisq importanti kif spjegat, u l-bazi tagħha hija *'the full and unquestionable trust'*. Dan it-Tribunal qed jagħraf lir-rikorrent kien kisirha u tilifha għal raġunijiet imsemmija u għaldaqstant qed jikkonferma tkeċċija ġusta.

Għal finijiet tal-kapitlu 452 tal-Ligijiet ta' Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jiġu ffisati fl-ammont ta' €93.17.
B' hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

B' hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xogħol.

**Iffirmat :Is-Sur Edmund Tabone M.A., B.A.(Hons), Dip. Mgt**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Daniela Attard**
**Ghas-segretarja**